MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2015

Numru. 915/2011

**SPETTUR JONATHAN FERRIS**

**VS**

**JOSEF GRECH**

**OMAR CARUANA**

**OMMISSIS**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Josef Grech ta’ 33 sena, bin Martin u Doroty nee’ Caruana, mwieled Pieta’ fl-24 ta’ Mejju 1981, residenti f St Michael’s, Flat 2, Triq Vajrita, Marsaskala u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 267081M;

U

Omar Caruana ta’ 36 sena, bin Maurice u Maria Lourdes nee’ Grima, mwieled Pieta’ fil- 21 ta’ Settembru 1978, residenti f’ 10, Triq Manuel Buhagiar, Tarxien, u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 440178M;

Talli;

1) F’ dawn il- Gzejjer, f’ Settembru 2010 u fil- jiem u x- xhur ta’ qabel f’ isimhom u bhala rapprezentanti tas- Socjeta’ Filarmonika Lourdes (Paola), b’ diversi atti maghmulin fi zminijeit differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal- ligi u li gew maghmula b’ risoluzzjoni wahda, b’ mezzi kontra l- ligi jew billi ghamlu uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kawlifiki foloz, jwe billi nqdew b’ qerq iehor, ingann jew billi wrew haga b’ ohra sabiex igieghlu jitwemmen l-e zistenza ta’ intrapizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew

sabiex iqanqlu tama jwe biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamlu qliegh li jeccedi €232,.94 izda mhux iktar minn €2,329.37 ghad- dannu ta’ Saviour Spiteri minn Haz- Zabbar, Alberto Serra mill- Gzira u George Cassar minn San Pawl il- Bahar;

2) Lil Josef Grech wahdu talli b’ hekk ikkommetta reat waqt il- perjodu operattiv ta’ sentenza sospiz imposta fuqu mill- Qorti tal- Magistrati (Malta) b’ sentenza taghha tal- 5 ta’ Mejju 2010 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. Fiz-zmien in kwistjoni l-imputati kienu membri tal-ghaqda muzikali Socjeta' Filarmonika Lourdes (Paola), u kienu minn zmien ghal zmien iqabbdu bandisti biex idoqqu fl-attivitajiet tal-lokal, ghal prezz li kien jigi miftiehem bejnhom u l-muzicisti. F'Lulju tal-2010, il-Pulizija rceviet kwerela minn ghand Saviour Spiteri, li kien imqabbad bhala konsulent mal-istess Socjeta', fejn qal li kellu diversi cekkijiet li hu kien rcieva bhala hlas ghas-servizzi tieghu, izda li ma setghux jissarrfu. Il-Pulizija bdiet tinvestiga l-operat tas-Socjeta', u rat illi kien hemm persuni ohra wkoll li kien gralhom l-istess. Dan beda jigri ghall-habta ta' Frar 2010. Ghalhekk il-Pulizija ressqet lill-ufficjali tal-ghaqda, u nbdew dawn il-proceduri fil-konfront taghhom.

Mill-provi prodotti rrisulta li fil-perijodu in kwistjoni, il-kontijiet bankarji tal-ghaqda ma kienux qed jitmexxew tajjeb. Il-kont bankarju li kellha s-socjeta' mal-BOV jinsab esebit a folio 56 tal-process bhala Dok AG7. Huwa evidenti minn esami ta' dawn id-dokumenti li c-cekkijiet li bdew jinhargu lil terzi ma setghux jissarrfu. Apparti Saviour Spitei, kellhom jiehdu xi flus Alberto Serra, George Cassar u Marion Williams, fost ohrajn. Lil Spiteri, Serra u Cassar kienu inhargulhom cekkijiet "post-dated" meta l-kont bankarju kien inghalaq, allura zgur li ma setghu qatt jissarrfu dawk ic-cekkijiet. Williams kienet f'xi zmien gharusa lill-imputat Grech u kienet taghtih flus biex ihallas id-dejn tal-kazin, jew kienet thallaslu d-dejn direttament hi. Qatt ma hadet flus lura.

Minn dawn il-provi l-Qorti m'ghandha ebda dubju li l-imputati t-tnejn kienu jafu ezatt x'inhuma jaghmlu. Huwa evidenti li t-tnejn li huma kienu jafu li l-hlas

qatt ma seta' jsir. Dan jirrisulta car anke mill-istqarrijiet taghhom esebiti fil-process (fol. 43 stqarrija ta' Josef Grech Dok AG4, u fol. 48 stqarrija ta' Omar Caruana Dok AG5). Kienu huma li hargu c-cekkijiet lid-debituri taghhom u kienu huma li ghalqu l-kont bankarju tal-BOV qabel il-maturazzjoni tal-istess cekkijiet. L-iskuza li gabu ghall-gheluq tal-kont kien minhabba li kellhom il-biza' li ser jinhareg sekwestru minn terz fuq il-kont, allura ghalquh u ma tawx kaz tac-cekkijiet li kienu hargu u li ghalhekk qatt ma setghu jissarrfu.

Fix-xiehda tieghu in difesa, l-imputat Omar Caruana jghid li hu mexa fuq dak li kien ighidlu l-imputat l-iehor, Josef Grech, sew biex jiddeposita flus fil-kont, sew biex johrog flus mill-istess kont. Bhala ufficjal tal-kazin, izda, kellu r-responsabbilta' li jara li l-kontijiet jitmexxew sew. Hu kien it-tezorier u l-uniku firmatarju tac-cekkijiet. Bhala ufficjal, kellu r-responsabbilta' li kull pagament jissarraf f'waqtu. Hija skuza inaccettabbli li l-imputat Caruana jipprova jwahhal fil-ko-imputat l-iehor biex jezimi ruhu minn dik ir-responsabbilta'. Se mai kellu l-hin kollu biex jirrezenja minn tali kariga, izda mhux biss m'ghamilx hekk, izda anzi baqa' jaqdi dik il-funzjoni anke wara li ntbaghtu ittri legali lis-socjeta' filarmonika. Inoltre, fl-istqarrija tieghu jghid li hu lest li jhallas lill-persuni li ghandhom jiehdu l-flus minn ghandhom, izda sa llum dan baqa' qatt ma sar.

Fil-fehma tal-Qorti dan jinkwadra perfettament fir-reat ta' truffa. Kienet 'messa in scena' li c-cekkijiet setghu jissarrfu, meta kien evidenti li dan ma kienx il-kaz. Ghalhekk il-Qorti ser issibhom hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u sejra tghaddi biex taghti l-piena idoneja ghall-kaz. In vista li hawn si

tratta ta’ persuni li kien imisshom jafu li qed jokkupaw karigi ta’ fiducja mal-pubbliku, il-piena li ser tinghata hija dik ta’ prigunerija effettiva.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 18, 308, 309 u 310 (1)(b) tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputati hatja, u ghaldaqstant tikkundannahom ghall-piena ta’ sena prigunerija kull wiehed.

Fil-konfront ta’ **Josef Grech**, tordna d-dhul fis-sehh tas-sentenza ta’ prigunerija sospiza datata 5 ta’ Mejju 2010, fejn kien inghata piena ta’ tmien xhur prigunerija, u b’hekk Josef Grech ghandu jservi sena w tmien xhur prigunerija.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputati.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------